KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.8.2005
KUMM(2005) 368 finali

2005/0155 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-relazzjonijiet internazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kienu tradizzjonalment immexxija minn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi għal ftehimiet għal dawn il-ftehimiet u arranġamenti oħra relatati, kemm bilaterali kif ukoll multilaterali.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawżi C-466/98, C-467/98, C-468/98, C-471/98, C-472/98, C-475/98 u C-476/98 il-Komunità għandha l-kompetenza esklussiva f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti varji ta' l-avjazzjoni esterna. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll id-dritt tal-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jgawdu mid-dritt li jistabbilixxu ruħhom fil-Komunità, inkluż id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għas-suq.

Il-klawżoli ta' dażinjazzjoni tradizzjonali fi ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu l-lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li ġiet iddażinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex sostanzjalment fil-proprjetà tiegħu jew ikkontrollata effettivament minn dan l-Istat Membru jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tal-kumpaniji ta' l-ajru li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u jkunu kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom b'mod ħieles, l-istess trattament fl-Istat Membru li jilqagħhom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni f'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju[1].

Fi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Ukraina li jieħu post ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri u l-Ukraina. L-Artikolu 2 u 3 tal-Ftehim jibdlu l-klawżoli ta' dażinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dażinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 5 u 6 tal-Ftehim żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 5 jitratta t-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni, kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, partikolarment il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 14 tiegħu. L-Artikolu 6 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fil-qasam tal-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr magħmula kollha kemm huma fil-Komunità.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

Il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja u dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003 tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim ma' l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat proviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw f'isem il-Komunità l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Komunità għandha tapplika l-Ftehim provviżorjament mill-jum ta' l-iffirmar tal-partijiet. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9.2 tal-ftehim.

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

3. It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2005/0155 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tieg]u u l-Artikolu 300, paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, ,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003 tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim ma' l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi [...] suġġett għal possibiltà tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi [...][5],

(4) Dan il-ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

---

3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 9.1(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda, u

L-UKRAINA

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

INNUTAW li ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru ġew konklużi bejn l-Istati Membri kollha tal-Komunità Ewropea u l-Ukraina li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja,

INNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

INNUTAW li taħt il-liġi Komunitarja Ewropea kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprevedu l-possibiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

GĦARFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Ukraina, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, iridu jinġiebu f' konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina u biex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi ta' l-ajru,

INNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru ta' l-Ukraina, jew li jiġu negozjati emendi għad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali li diġà jeżistu għal servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-għanjiet ta' dan il-Ftehim, sakemm il-kuntest ma jindikax mod ieħor, id-definizzjonijiet huma elenkati fl-Anness 4.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 lill-kumpaniji ta' trasport bl-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal trasportaturi bl-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2
Deżinjazzjoni minn Stat Membru1 Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2, punti (a) u (b) ta' dan il-Ftehim , f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni ta' kumpanija tat-trasport bl-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilu mill-Ukraina.

2. Malli tirċievi deżinjazzjoni mingħand Stat Membru, l-Ukraina għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

   i. il-kumpanija ta' l-ajru tkun stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ddeżinjaha skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandha Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea;

   ii. ikun eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija tat-trasport bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tagħha u l-awtorità aeronawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; kif ukoll li

   iii. il-kumpanija tat-trasport bl-ajru tkun proprjetà, u ser tkompli tkun proprjetà, diretta jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, ta' l-Istati Membri u/jew taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew ta' stati oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew taċ-ċittadini ta' tali stati oħra, u tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata minn dawn l-istati u/jew ċittadini.

Artikolu 3
Sospensjoni u Revoka mill-Ukraina

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2, punti (a) ta' dan il-Ftehim, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilu mill-Ukraina.

2. L-Ukraina tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija tat-trasport bl-ajru ddeżinjata minn Stat Membru jekk:

i. il-kumpanija ta' l-ajru ma tkunx stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ddeżinjaha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollhiex Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi Komunitarja Ewropea; jew

ii. ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tagħha, jew l-awtorità aeronawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. il-kumpanija ta' l-ajru ma tkunx proprjetà u ikkontrollata effettivament, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew minn stati oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' tali stati oħra.

Fit-tħaddim tad-dritt tagħha skond dan il-paragrafu, l-Ukraina m'għandhiex tiddiskrimina bejn il-kumpaniji tat-trasport bl-ajru Komunitarji abbażi tan-nazzjonalità.

Artikolu 4
Sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Meta Stat Membru ddeżinja kumpanija tat-trasport bl-ajru li l-kontroll regolatorju tagħha hu eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet ta' l-Ukraina taħt id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja l-kumpanija tat-trasport bl-ajru u l-Ukraina għandhom japplikaw bl-istess mod fir-rigward ta' l-istandards ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-istandards ta' sikurezza minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-operat ta' dik il-kumpanija tat-trasport bl-ajru.

Artikolu 5
It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(d) għal dan il-Ftehim.

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) għal dan il-ftehim ma għandu jżomm Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' kumpanija ta' l-ajru ddeżinjata ta' l-Ukraina li topera bejn punt fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 6
Tariffi għal ġarr

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness 2(e) għal dan il-Ftehim.

2. It-tariffi li għandhom jintalbu lill-kumpanija/i tat-trasport bl-ajru ddeżinjata/i mill-Ukraina taħt xi wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness1, li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) għal trasportazzjoni kollha kemm hi fi ħdan il-Komunità Ewropea, għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 7
Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 8
Reviżjoni jew emenda

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 9
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-wasla ta' l-aħħar notifika bil-miktub tal-Partijiet dwar it-tlestija tal-proċeduri rispettivi interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu japplika b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Komunità Ewropea tkun innotifikat lill-Parti Ukraina bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-Ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 (b) għal dan il-Ftehim mad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 10
Terminazzjoni

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness1 għal dan il-Ftehim jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim ikkonċernat għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness1 għal dan il-Ftehim jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

Artikolu 11
Reġistrazzjoni

Dan il-Ftehim u l-emendi tiegħu għandhom jiġu rreġistrati ma' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul b'żewġ kopji fi [....], fi [...] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Ungeriża, Taljana, Żvediża u Ukraina kif ukoll dik Russa. F'każijiet ta' nuqqas ta' qbil, it-test bl-Ingliż għandu jieħu preċedenza.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA: GĦALL-UKRAINA:

ANNESS 1

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Ukraina u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, daħlu fis-seħħ jew ġew iffirmati; u arranġamenti oħra bejn l-Ukraina u l-Istati Membri li qed jiġu applikati provviżorjament:

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern Federal Awstrijak u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Vjenna fil-15 ta' Lulju 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Awstrija" fl-Anness 2;

– Immodifikat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Vjenna fit-22 ta' April 2005;

– Ftehim bejn il-**Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar it-Trasport bl-Ajru ffirmat fi Kyiv fl-20 ta' Mejju 1996, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Belġju" fl-Anness 2;

– Immodifikat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Brussell fis-6 ta' Frar 2004;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern ta' l-Ukraina** iffirmat fi Kyiv fl-1 ta' Lulju 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Gvern ta' l-Ukraina** iffirmat fi Kyiv fil-21 ta' Frar 2000, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Ċipru" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Kyiv fis-27 ta' Marzu 2000, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Danimarka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Kyiv fl-10 ta' Ġunju 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Ġermanja! fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Estonja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Talinn fis-6 ta' Lulju 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Estonja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru iffirmat f'Helsinki fil-5 ta' Ġunju 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Finlandja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru magħmul fi Kyiv fit-3 ta' Mejju 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Franza" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Kyiv fil-15 ta' Diċembru 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Greċja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Kyiv fid-19 ta' Mejju 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Ungerija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Ruma fit-2 ta' Mejju 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Italja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Riga fit-23 ta' Mejju 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Latvja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Vilnius fis-7 ta' Lulju 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Litwanja" fl-Anness 2;

Immodifikat l-aħħar mill-Protokoll iffirmat f'Vilnius fis-26 ta' Mejju 2003;

– Ftehim bejn **il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru magħmul fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ġunju 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Lussemburgu" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn ir-**Renju ta' l-Olanda u l-Ukraina** għal Servizzi bl-Ajru magħmul fi Kyiv fis-7 ta' Settembru 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina - Olanda" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru magħmul f'Varsavja fl-20 ta' Jannar 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Polonja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Slovakka u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Bratislava fit-23 ta' Mejju 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Ljubljana fit-30 ta' Marzu 1999, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Slovenja" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern ta' Spanja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul f'Madrid fis-7 ta' Ottubru 1996, minn hawn il-quddiem "il-Ftehim Ukraina – Spanja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern ta' l-Ukraina** magħmul fi Kyiv fis-27 ta' Marzu 2001, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Żvezja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn il-**Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brettanju u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru ffirmat f'Londra fl-10 ta' Frar 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Renju Unit" fl-Anness 2;

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Ukraina u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, daħlu ġew inizjalati;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Irlanda u l-Gvern ta' l-Ukraina** dwar it-Trasport bl-Ajru magħmul f'Dublin fl-10 ta' Diċembru 1992, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Irlanda" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Kabinett tal-Ministri ta' l-Ukraina** dwar Servizzi bl-Ajru inizjalat f'Ħal-Luqa fis-17 ta' Ġunju 1998, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Malta" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Portugiża u l-Kabinett tal-Ministri ta' l-Ukraina** inizjalat f'Liżbona fit-18 ta' Ottubru 2000, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ukraina – Portugall" fl-Anness 2;

ANNESS 2

Lista ta' artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Ftehim

(a) Dežinjazzjoni minn Stat Membru:

– L-Artikolu 3, Paragrafu 5, tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Danimarka;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Ġermanja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Estonja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Finlandja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 3, tal-Ftehim Ukraina – Franza;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Greċja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Ungerija;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 3, tal-Ftehim Ukraina – Irlanda;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Italja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Latvja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Litwanja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Malta;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Olanda;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Polonja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Portugall;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Slovenja;

– L-Artikolu III, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Spanja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Żvezja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Ukraina – Renju Unit;

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet jew il-Permessi:

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (d), tal-Ftehim Ukraina – Belġju;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Ċipru;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Danimarka;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Estonja

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Finlandja;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Franza

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (b), tal-Ftehim Ukraina - Greċja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Ungerija;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Italja;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Litwanja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (c), tal-Ftehim Ukraina – Lussemburgu;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Malta;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (c), tal-Ftehim Ukraina – Olanda;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Polonja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Portugall;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Slovakka;

– L-Artikolu IV, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Spanja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Żvezja;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Ukraina – Renju Unit;

(c) Sikurezza:

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Ukraina - Belġju;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 14 bis tal-Ftehim Ukraina – Danimarka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Estonja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Ukraina - Franza;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina - Greċja;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Ukraina - Ungerija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Ukraina - Irlanda;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina - Italja;

– L-Artikolu 16 a tal-Ftehim Ukraina – Litwanja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina – Lussemburgu;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina - Malta;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Ukraina - Olanda;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Polonja;

– L-Artikolu 15 tal-Ftehim Ukraina - Portugall;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Slovenja;

– L-Artikolu XI tal-Ftehim Ukraina - Spanja;

– L-Artikolu 14 bis tal-Ftehim Ukraina – Żvezja;

(d) It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina - Belġju;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Danimarka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina – Ġermanja;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina - Estonja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Finlandja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Franza;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Greċja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Ungerija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Irlanda;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Italja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Latvja;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina – Litwanja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina – Lussemburgu;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Ukraina - Malta;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Ukraina - Olanda;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina - Polonja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Portugall;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina - Slovenja;

– L-Artikolu V tal-Ftehim Ukraina - Spanja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Żvezja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina – Renju Unit;

(e) Tariffi għal ġarr

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina - Belġju;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Ukraina – Awstrija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Danimarka;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina – Ġermanja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Estonja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina - Finlandja;

– L-Artikolu 17 tal-Ftehim Ukraina - Franza;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Ukraina - Greċja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina - Ungerija;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Ukraina - Irlanda;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Ukraina - Italja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina - Latvja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina – Litwanja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Ukraina – Lussemburgu;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Malta;

– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Ukraina - Olanda;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - Polonja;

– L-Artikolu 18 tal-Ftehim Ukraina - Portugall;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina – Repubblika Slovakka;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Ukraina - Slovenja;

– L-Artikolu VII tal-Ftehim Ukraina - Spanja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Ukraina - ¯vezja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Ukraina – Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).

ANNESS 4

Definizzjonijiet

L-espressjoni "Stat Membru" tfisser kull Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

L-espressjoni "Stabbiliment ta' kumpanija tat-trasport bl-ajru (linja ta' l-ajru) Komunitarja fuq it-territorju ta' Stat Membru" timplika l-eżerċizzju effettiv u reali ta' l-attività tat-trasport bl-ajru permezz ta' arranġamenti stabbli. Il-forma legali ta' stabbiliment bħal dan, jekk ikunx fergħa jew sussidjarju b'personalità ġuridika, m'għandhiex tkun il-fattur determinanti f'dan ir-rigward, .

L-espressjoni "Liċenzja Operattiva" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-Istat Membru responsabbli għal impriża u li jippermettiha ġġorr bl-ajru passiġġieri, posta u/jew tagħbija, kif iddikjarat fil-liċenza operattiva, bil-ħlas u/jew għall-kiri.

L-espressjoni "Ċertifikat ta' l-operatur ta' l-ajru" tfisser dokument maħruġ lill-impriża jew grupp ta' impriżi mill-awtoritajiet kompetenti li jafferma li l-operatur ikkonċernat għandu l-kapaċità u l-organizzazzjoni professjonali sabiex jiggarantixxi l-operat sikur ta' inġenju ta' l-ajru għall-attivitajiet ta' avjazzjoni speċifikati fiċ-ċertifikat.

Evidenza ta' "**kontroll regolatorju effettiv"** timplika iżda mhijiex limitata għal: il-kumpanija tat-trasport bl-ajru għandha Liċenzja Operattiva valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, u tilħaq il-kriterji għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru internazzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti, bħalma huma xhieda ta' sitwazzjoni finanzjarja tajba, il-kapaċità li jintlaħqu, fejn rilevanti, il-ħtiġijiet ta' l-interessi pubbliċi, l-obbligi tal-garanzija ta' servizz, eċċ., u l-Istat Membru li jagħti l-liċenzja għandu, u jkompli jżomm, programmi ta' kontroll tas-sikurezza u s-sigurtà fl-avjazzjoni, talanqas f'konformità ma' l-istandards ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.